**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 10 ta' Mejju 2022**

Rikors Numru: 65/22 AL

A B

vs

C D

(MR Nurmu 1990/1991)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru tas sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) fil-Kattedral tal-Imdina (kopja originali tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A);

2. Illi l-esponent jiddikjara illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal, E F B u G H B twieldu fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas sena elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) u fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) u li ghalhekk illum huma lkoll maggorenni.

3. Illi l-partijiet infirdu legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn Nutar Pubbliku Dottor Liza Schembri fil-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) (kopja awtentikata hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B) b'dana illi kienu ilhom separati "de facto" mill-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas sena elfejn u tmintax (2018);

4. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt rispettiv taghhom illi jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxien (vide Artikolu 4 tal-istess kuntratt);

5. Illi fir-rigward tat-tfal, l-esponent jiddikjara illi E F B illum ghandu 27 sena filwaqt illi G H B illum ghandha 23 sena. Illi l-intimata kienet obbligat ruhha illi thallas manteniment direttament lit-tifla stante illi dak iz-zmien G H B kellha wiehed u ghoxrin sena u kienet ghada tistudja (vide klawzola 5);

6. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti;

7. Illi l-esponent qieghed jannetti affidavit tieghu li qieghed jigi hawn annness u mmarkat bhala Dok. C;

8. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhuwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66(C) tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta’ Marzu 2022;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla fuq domanda tal-qorti twiegeb li m’ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta’ Mejju 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur

tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.